

## III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

**Annimali ħajjin u laħam frisk: Kundizzjonijiet għall-importazzjoni fl-Unjoni \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0069

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tniżżel il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom (COM(2009)0516 – C7-0211/2009 – 2009/0146(COD))**

(2011/C 4 E/09)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0516),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 37 u 152(4)(b) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0211/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 43(2) u 168(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009 <sup>(1)</sup>,
- wara li li kkonsulta lill- Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0018/2010),

<sup>(1)</sup> Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Il-Ħamis 25 ta' Marzu 2010**

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinsab hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**P7\_TC1-COD(2009)0146**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta Marzu 2010 bil-ħsieb ta l-adozzjoni tad-Deċizzjoni Nru .../2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Deċizzjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tħejji lista ta pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tniżżel il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom**

*(Peress li nilahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma l-att leġislattiv finali, Deċizzjoni Nru 477/2010/UE.)*

**Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Litwanja/Manifattura ta' għamara**

P7\_TA(2010)0070

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2010 dwar il-proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2010)0058 – C7-0041/2010 – 2010/2035(BUD))**

(2011/C 4 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0058 – C7-0041/2010),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba <sup>(1)</sup> (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni <sup>(2)</sup> (Regolament FEG),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjeggi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0047/2010),

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.